MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2012

Numru. 1077/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Adrian Bonello**
**Anthony Micallef**
**Romario Barbara**
**Jurgen Barbara**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Adrian Bonello ta’ 31 sena, bin Mario u Maria Dolores xebba Mercieca, mwieled gewwa l-Pieta’ fis-16 ta’ Frar 1980, u residenti gewwa Flat 7, Ghajn Kajjet, Blokk B, Rabat, Malta u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 115580(M); Anthony Micallef ta’ 31 sena bin Saviour u Frances xebba Abela, mwieled gewwa

H'Attard fit-12 ta' Mejju 1980, u residenti gewwa l-fond numru 17, Triq Karlu Darmanin, Lija u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 239880(M); Romario Barbara ta' 14-il sena bin Ruben u Lorenza xebba Caruana, mwieled gewwa Haz-Zabbar fis-07 ta' Ottubru 1996, u residenti gewwa fond numru 4, Triq il-Karrijiet, Rabat, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 418596(M); Jurgen Barbara ta' 13-il sena bin Ruben u Lorenza xebba Caruana, mwieled gewwa l-Pieta' fl-24 ta' Jannar 1998, u residenti gewwa fond numru 4, Triq il-Karrijiet, Rabat, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 40198(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess diposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'resoluzzjoni wahda u cioe' talli:

1. Fl-10 ta' Jannar 2011, fir-Rabat, Malta, kkommettew serq ta' mobile phone u flus kontanti minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni **IBF408** ghad-detriment tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **IBF408** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

3. Fl-10 ta' Jannar 2011, gewwa Ta' Qali limiti ta' H'Attard kkommettew serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni **MAR837** ghad-detriment tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **MAR837** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara tiskorri il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) izda hija anqas minn elf,

mija w erbgha w sittin euro w disgha w sittin centezmu (€1164.69);

5. F'xi hin bejn is-17 u t-22 ta' Dicembru 2010, fil-Mosta volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq il-vetturi bin-numri tar-registrazzjoni **FAV462, JBH728 u vettura ohra bin-numru ta' registrazzjoni mhux maghruf** ghad-dannu ta' David Sammut u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri l-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) izda hija anqas minn elf, mija w erbgha w sittin euro w disgha w sittin centezmu (€1164.69);

6. Talli matul il-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Jannar 2011, fir-Rabat, Malta kkommettew serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni **LEW205** ghad-detriment tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

7. Talli matul il-lejl ta' bejn is-16 u s-17 ta' Jannar 2011, fir-Rabat, Malta bil-hsieb li jaghmlu reat ta' serq minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni **KAB431** ghad-dannu tas-sidien, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom u liema delitt li kieku sehh kien ikun serq kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

8. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **KAB431** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara tiskorri il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) izda hija anqas minn elf, mija w erbgha w sittin euro w disgha w sittin centezmu (€1164.69);

9. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommettew serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni **DBF738** ghad-detriment tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-

vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

10. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **DBF738** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

11. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkommettew serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni **FBE735** ghad-detriment tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

12. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **FBE735** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

**Lil Anthony Micallef u Jurgen Barbara wahedhom, talli matul il-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Novembru 2010, fir-Rabat, Malta:-**

13. Kkommettew serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni **CAF919** ghad-detriment tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li jiskorri il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha w ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;

14. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **CAF919** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

**Lil Adrian Bonello, Romario Barbara u Jurgen Barbara wahedhom, talli matul il-lejl ta’ bejn il-5 u s-6 ta’ Jannar 2011, gewwa l-Mdina:-**

15. Kkommettew serq ta’ cooker minn gewwa ‘shelter’ tal-qtates ghad-detriment ta’ Lorna D’Anastasi u/jew persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika) u bil-hin;

16. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamlu hsara fuq ‘shelter’ tal-qtates ghad-dannu ta’ Lorna D’Anastasi u/jew persuni ohra, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

**Lil Anthony Micallef, Romario Barbara u Jurgen Barbara wahedhom, talli matul il-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Jannar 2011, gewwa Hal-Lija:-**

17. Bil-hsieb li jaghmlu reat ta’ serq minn gewwa vettura bin-numru ta’ registrazzjoni **CBA662** ghad-dannu tas-sidien, wrew dan il-hsieb b’atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ taghhom u liema delitt li kieku sehh kien ikun serq kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jiskorri il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94);

18. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamlu hsara fuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni **CBA662** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara tiskorri il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) izda hija anqas minn elf, mija w erbgha w sittin euro w disgha w sittin centezmu (€1164.69);

**Lil Adrian Bonello u Jurgen Barbara wahedhom, talli matul il-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' April 2011, fir-Rabat, Malta:-**

19. Kkommettew serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni **AAI985** ghad-detriment tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

20. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **AAI985** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

21. Bil-hsieb li jaghmlu reat ta' serq minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni **LCC487** ghad-dannu tas-sidien, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom u liema delitt li kieku sehh kien ikun serq kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

22. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni **LCC487** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

23. Kkommettew serq ta' number plates minn fuq il-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni **LCC487, DJL487, MAL282, AAJ424** ghad-detriment ta' Transport Malta u/jew tas-sidien tal-imsemmija vetturi liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

**Lil Adrian Bonello u Jurgen Barbara flimkien ma' persuna ohra, talli matul il-lejl ta' bejn l-20 u l-21 ta' April 2011, fir-Rabat, Malta:-**

24. Kkommettew serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni **FAI471** ghad-dannu tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

25. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq-il vettura bin-numru ta' registrazzjoni **FAI471** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

26. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni **FAW337** ghad-detriment tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

27. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq-il vettura bin-numru ta' registrazzjoni **FAW337** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

28. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni **IBF297** ghad-dannu tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-valur li huwa aktar minn mitejn tnejn u tlettin euro u erbgha w disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija w disgha w ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

29. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq-il vettura bin-numru ta' registrazzjoni **IBF297** ghad-dannu tas-

sidien, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

30. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkommettew serq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni **JBC553** ghad-dannu tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

31. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq-il vettura bin-numru ta' registrazzjoni **JBC553** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara tiskorri il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) izda mhux aktar minn elf mija w erbgha w sittin euro w disgha w sittin centezmu (€1164.69);

32. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ikkommettew serq minn gewwa garaxx sitwat gewwa Triq il-Ferrovija, Mdina ghad-dannu tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-lok u bil-hin;

33. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu reat ta' serq minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni **LIN039** ghad-dannu tas-sidien, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom u liema delitt li kieku sehh kien ikun serq kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

34. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu reat ta' serq minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni **PAU702** ghad-dannu tas-sidien, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta taghhom u liema delitt li kieku sehh kien ikun serq kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

35. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq-il vettura bin-numru ta' registrazzjoni **PAU702** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

36. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmlu reat ta' serq minn gewwa vettura bin-numru ta' registrazzjoni **IAN249** ghad-dannu tas-sidien, wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta taghhom, u liema delitt li kieku sehh kien ikun serq kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa,

37. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq-il vettura bin-numru ta' registrazzjoni **IAN249** ghad-dannu tas-sidien, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

38. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fir-residenza (abbandunata) numru 2, Triq Gheriexem, Rabat ghad-dannu tas-sidien, liema hsara ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47);

39. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi bi hsara ghas-sid tar-residenza numru 2, Triq Gheriexem, Rabat, ghamlu vjolazzjoni kontra l-propjeta';

40. Talli matul ix-xahar ta' April 2011 fl-Imdina kkommettew serq ta' flus kontanti minn gewwa 'Kiddie Ride Machine' ghad detriment tas-sidien liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz u bil-hin;

41. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamlu hsara fuq l-istess 'Kiddie Ride Machine' ghad-dannu tas-sidien, liema hsara

ma tiskorrix il-mija u sittax-il euro u sebgha w erbghin centezmu (€116.47) u;

42. Finalment talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Settembru, 2011 (esebit a fol. 15 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-20 ta' Jannar, 2012 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-20 ta' Jannar, 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Il-Prosekuzzjoni jiddikjara li l-imputazzjoni mmarkata bhala tnejn u erbghin (42) hija alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta' serq moghtija fil-konfront ta' l-imputati.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti taghhom salv ghall-akkuza numru

tnejn u erbghin (42) li nghatat bhala alternattiva ghall-akkuzi ta' serq li taghhom qed jinstabu hatja.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll l-eta' zghira ta' tnejn minnhom u l-kundizzjoni mentali ta' wiehed minnhom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 41(1)(a), 261(a),(b),(e),(f),(g), 262(b), 263(a), 267, 269, 270(d), 271, 325(b), 325(c), 340(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi salv ghall-imputazzjoni mmarkata bhala tnejn u erbghin (42) li inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta' serq li taghhom instabu hatja, u, b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghdhom taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum skond id-digriet hawn anness.

Stante li l-imputazzjoni mmarkata bhala tnejn u erbghin (42) inghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjonijiet ta' serq li taghhom l-imputati nstabu hatja, l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hatja bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni u tordna li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hatja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------